# Il-Bord tal-Gvernaturi

Ċentru Malti Dwar l-Arbitraġġ

Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru huwa responsabbli għall-politika u l-amministrazzjoni ġenerali tal-affarijiet u x-xogħol taċ-Ċentru, liema Bord għandu jikkonsisti f'mhux anqas minn tliet membri u mhux aktar minn ħames membri, li jinħatru mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Minsitru.

Il-membri tal-Bord jiġu appuntanti għall-perijodu ta' sitt snin u huma eleġibbli għall-ħatra mill-ġdid.

Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, il-membri kollha tal-Bord għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom skont l-arbitriju individwali tagħhom u m'għandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

Membru tal-Bord jista' jitneħħa biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja mwaqqfa bl-artikolu 101A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jekk dak il-membru ma jkunx idoneu li jibqa' f'dik il-kariga jew ikun sar inkapaċi illi jibqa' jwettaq sew dmirijietu bħala membru tal-Bord.

Ma jkunx kwalifikat sabiex jinħatar bħala *Chairman* jew *Deputy Chairman* tal-Bord, min ma jkunx ipprattika ta' avukat f'Malta għal perijodu jew perijodi li b'kollox jammontaw għal mhux anqas minn tnax-il sena.

Fil-preżent, il-Bord taċ-Ċentru huwa kostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Paul Cachia, B.A. M.Jur. (Oxon) M.Phil. (Oxon) LL.D.* | ***Chairman*** |
| *Anna Mallia, LL.D.* | ***Deputy Chairperson*** |
| *Chris Cilia, LL.D.* | **Membru** |
| *Andrew Sciberras, LL.D. (Melit.)* | **Membru** |
| *Fiona Galea Farrugia, LL.D.* | **Segretarja tal-Bord/Reġistratur** |